MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 204/2009

**Christopher Attard Numru tal-karta ta’ l-identita**
**vs**
**Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud b’digriet tat-23 ta’ Marzu, 2009 nominati bhala kuraturi deputat sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Joseph sive Jose Grima bin-numru tal-karta ta’ idendita 211171(M) u Rita Grima bin-numru tal-karta ta’ identita 10763(M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrent Christopher Attard fit-3 ta’ Marzu, 2009, li *in forza* tieghu, wara li issottometta :

1. Illi l-intimat kien iffirma kambjala b’import ta’ hamsa u erbghin elf, seba mija u erbghin euro (45,740 euro) u l-intimati kienu bdew ihallsu dan l-ammont b’diversi cheqqijiet li ma ssarfux;
2. Illi l-intimat issa telaq minn Malta u dan id-dejn ma thallasx u ghalhekk il-bilanc baqa inadempjenti;

3. Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Talab in vista tal-premess illi l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tikkundanna lill-intimati ihallsu is-somma ta' hamsa u erbghin elf, seba mija u erbghin euro (45,740 euro) lir-rikorrenti u dovuta mill-intimati;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li in forza taghha huma eccepew:

Illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghal din il-kawza u hekk kif l-attur jghaddilhom kull taghrif li ghandu biex jistghu jaqbdu ma Joseph u Rita Grima – li ghalihom huma nhatru biex jidhru billi neqsin minn Malta – huma jaghmlu hilithom biex jigbru t-taghrif mehtieg halli jwiegbu kif imiss;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet ix-xiehda ta' Dr Martin Fenech;

Rat illi l-kuraturi deputati ma ressqux provi;

Rat illi, minkejja illi l-kuraturi deputati inghataw zmien xieraq sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet huma naqsu milli jaghmlu dan;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi Qorti rat illi irrizulta mill-kumpless tal-provi migbura illi t-talba tal-attur giet ippruvata.

Rat ukoll illi l-kuraturi deputati bl-ebda mod ma ressqu xi provi sabiex jippruvaw jirribattu it-talbiet ta' l-attur;

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt illi tiddikjara illi l-attur irnexxielu jipprova it-talba tieghu, qeghda tilqa din it-talba u qeghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu is-somma ta’ hamsa u erbghin elf, seba mija u erbghin ewro (€45,740) lill-attur; Bl-ispejjez kontra il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------